**13 ta' Novembru, 1962.**
**Imħallef :—**
**Onor. Dr. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Onor. Ernesto Laiviera, M.L.A.
*versus*
Onor. Paolo Pace, M.L.A. ne.

**Assemblea Leġislattiva — "Ruling" ta' li-Speaker — Privileġġ — Ġurisdizzjoni — Art. 11 inċiż(e) tal-Ordinanza XX tal-1942 — Art. 12(4) u 16 tal-"The Malta (Constitution) Order-in-Council, 1961".**

*Fost il-privileġġi li għandha skond il-liġi l-Assemblea Leġislattiva hemm dak li hija tippunixxi lil kull min, membru tagħha jew le, jikkommetti xi ħaġa minn dak li hemm elenkat fl-istess liġi; u hekk, fil-funzjoni tagħha ta' protettriċi tal-funzjonament tajjeb u tad-dinjità tagħha stess, kif salvag-*

*wardata bl-istess liġi, hija għandha l-vesti ta' Qorti, bil-poter li tfittex hija jekk ġewx miksura l-privileġġi li hija tgawdi, u, fil-każ li ssib li dan ikun ġara, tgħaddi għas-sanzjoni li jidhrilha xierqa. Dan jinvolvi l-poter li tinterpreta hija stess il-liġi dwar il-privileġi tagħha, u mhux konċepibbli li f'din il-funzjoni ta' riċerka u definizzjoni tal-kwistjoni li tqum hija tiġi ostakolata billi jsir aditu lill-Qrati ordinarji.*

*Konsegwentement, jekk titressaq mozzjoni quddiem il-Kamra fis-sens li artikolu li deher f'ġurnal jikser privileġġ tal-Kamra, u li Speaker jagħti "ruling" fis-sens li "prima facie" dak l-artikolu jikkostitwixxi ksur ta' privileġġ tal-Kamra, il-Qrati ordinarji mhumiex kompetenti li jindaħlu fil-kwistjoni u jiddeċidu jekk dak l-artikolu jikkostitwixxix jew le "breach of privileġe".*

Il-Qorti: Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attur, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u li jittieħdu l-provvedimenti meħtieġa, premess illi per mezz ta' "ruling" mogħti fis-26 ta' Ottubru 1962 fl-Assemblea Leġislattiva l-konvenut, bħala Speaker, iddeċieda illi "prima facie" hemm ksur ta' privileġġ tal-Kamra skond l-inċiż(e) tal-art. 11 tal-Ordinanza XX tal-1942 bil-publikazzjoni ta' paragrafu fil-paġ. 5 tal-ġurnal "Il-Ħelsien" tal-20 ta' Ottubru 1962, li tiegħu l-attur huwa editur, paragrafu li tiegħu tinsab kopja fid-dikjarazzjoni annessa ma' dan l-att, kopja tar-"ruling" Dok. "A"; u premess illi, in segwitu għal dan ir-"ruling", saret mozzjoni li qegħdha tiġi diskussa fl-Assemblea Leġislattiva, fis-sens li l-Kamra tikkunsidra l-publikazzjoni tal-istess paragrafu bħala "breach of privileġe", mozzjoni li jekk tiġi approvata, l-esponent jista' jiġi mressaq quddiem il-Kamra u kundannat għal piena — "Dok. "A"; u premess illi l-insult li jsir lill-membri tal-Assemblea Leġislattiva per mezz tal-istampa ma jaqgħax taħt l-ebda dispożizzjoni tal-Ordinanza XX tal-1942, u għalhekk ma huwa qatt ksur ta' privileġġ, k'f jiġi pruvat fit-trattazzjoni tal-kawża; u premess illi għalhekk hemm perikolu serju li jiġi miksur id-dritt li l-esponent għandu skond is-subart. (4) tal-art. 12 tal-"Malta (Constitution) Order-in-Council 1961", li ma jinstabx ħati ta' reat meta l-att jew in-nuqqas fiż-żmien li jsir ma jikkostitwixxix reat; talab illi din il-Qorti tagħti rimedju lill-

attur, billi tiddikjara qabel xejn li l-insult lill-membri tal-Assemblea Leġislattiva per mezz tal-istampa mhux kontemplat mill-Ordinanza XX tal-1942, u għalhekk ma jikkostitwix ksur ta' privileġġ; u billi tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk it-taħrikiet, u tagħti dawk id-direttivi li titqies meħtieġa biex jiġu mwettqa d-drittijiet tal-attur; u dan kemm qabel ma l-Assemblea Leġislattiva tiddeċidi fuq il-mozzjoni msemmija, u kemm wara, fil-każ li tiġi approvata l-mozzjoni — Art. 16 tal-Kostituzzjoni. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet li biha l-konvenut oppona in linea preliminari:— (a) Illi l-allegat att tal-attur, bħala att ta' "contempt" taħt l-Ordinanza XX tal-1942, mhuwiex, fil-kontest ta' dik l-Ordinanza, reat kriminali; infatti huwa risaput illi ċerti każijiet ta' "breach of privileġe" jistgħu jkunu "offences at law" ukoll, u jagħtu lok, barra mill-proċediment quddiem il-Kamra, anki għall-prosekuzzjoni tal-awtur tar-reat kriminali, u għalhekk is-subart. (4) tal-art. 12 tal-"Malta (Constitution) Order-in-Council, 1961" mhux applikabbli għall-każ; (b) illi anki jekk, għall-grazzja tal-argument, jiġi kunsidrat illi l-att ta' "contempt" taħt l-Ordinanza msemmija hu reat kriminali, dak li hu negat impliċitament anki mill-art. 2 tal-istess Ordinanza, huwa ċar illi l-intendiment kollu tal-art. 12 tal-Order-in-Council, in kwantu jirrigwarda reati kriminali, huwa riferibbli għall-proċediment ġudizzjarju, u jagħmel espressament riferenza għall-Qrati, prosekuzzjoni, kawżi, "convictions", sentenzi u appelli, u għalhekk ma japplikax għall-"contempts" parlamentari; (c) illi d-dispożizzjoni tas-subart. (4) tal-art. 12 tal-imsemmi Order-in-Council mhuwiex intiż biex jintitola dak li jkun illi jottjeni dikjarazzjoni ġudizzjarja fuq il-punt jekk xi att jew ommissjoni tiegħu huwiex jew le reat qabel ma tiġi dikjarata tali minn Qorti kompetenti, għax kieku kien hekk kull att ta' akkuża ikun jista' faċilment jiġi preċedut minn proċedura simili; inoltre, kull Qorti kienet tkun prekluża milli tagħti deċiżjoni li tiddikjara att jew ommissjoni bħala reat fejn qabel dan kien ritenut dubbjus jew anki negat; huwa ċar, u ġie rilevat fid-dottrina, illi dan is-subartikolu huwa ntiż biss bħala projbizzjoni kostituzzjonali

ta' leġislazzjoni penali retroattiva; (d) illi, bla ħsara tal-eċċezzjonijiet ġa mogħtija, għall-azzjoni odjerna hija ostattiva d-dispożizzjoni tal-art. 2 tal-Ordinanza fuq imsemmija; (e) illi l-każ in kwistjoni jaqa' taħt l-art. 11 tal-imsemmija Ordinanza, u fil-materji hemm kontemplati l-Assemblea Leġislattiva hija nsindakabbli; (f) in subordine, illi fi kwalsijasi każ l-azzjoni odjerna hija ntempestiva;

Fil-meritu, u bla preġudizzju tal-eċċezzjonijiet l-oħrajn kollha, illi l-att ta' kull min jinsulta per mezz tal-istampa membru tal-Kamra mħabba l-kondotta tiegħu fl-Assemblea Leġislattiva huwa kontemplat mill-inċiż(e) tal-art. 11 tal-Ordinanza;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut;

Eżaminat l-atti;

Semgħet l-avukati;

Ikkunsidrat;

L-attur inizja din il-kawża tant b'att ta' ċitazzjoni kif ukoll b'rikors. Hu verosimili illi l-attur uża din il-proċedura doppja biex jovvja għal kull eventwalità li jiġi ritenut illi l-forma korretta hija l-waħda jew l-oħra, in vista tal-kliem użati fl-art. 16 tal-"The Malta (Constitution) Order-in-Council, 1961", illi l-interessat "may . . . . apply to the Civil Court, First Hall, for redress", u l-oħrajn illi din il-Qorti "shall have original jurisdiction to hear and determine any application made in pursuance of the preceding subsection";

Fil-kawża "Onor. Dr. Anton Butigieg, M.L.A. vs. Onor. Dr. Paul Borg Olivier et ne.", deċiża minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fis-17 ta' Lulju 1962, li qegħdha pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina, il-Qorti tal-Ewwel Istanza osservat illi "il-Qorti tħoss li hija konxja tar-responsabbiltà tagħha f'dan il-kamp ġdid ta' funzjoni tagħha, u kien għalhekk, in vista tal-inte-

ress pubbliku konness mal-meritu 'ut sic', li hija 'ex officio' ma qajmetx diffikultajiet rigwardanti l-proċedura wżata. L-intimati nomine stess ma tawx ebda eċċezzjoni fir-rigward, anzimati huma stess, evidentement, mir-raġuni li nduċiet il-Qorti timxi l-quddiem għat-trattazzjoni tal-meritu. Jista' wkoll jingħad li għal kawża bħal preżenti għad jista' jkun hemm regolamenti appożiti dwar il-proċedura (ara art. 16(7) tal-Kostituzzjoni stess). F'kull każ però dik segwita l-lum, apparti kull konsiderazzjoni oħra, toffri wkoll il-possibbilità kollha ta' dibattitu formali, fejn il-partijiet jistgħu jressqu l-provi kollha u jġibu l-quddiem ir-raġunijiet tagħhom kollha; b'mod li sostanzjalment, u ċjoè għal dak li hu l-iżjed importanti, ir-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja ebda preġudizzju ma jista' jidderiva mħabba li ġiet segwita f'dan ir-rigward......";

In vista ta' dak li ġie rilevat f'dik is-sentenza, u tal-pendenza tal-appell, din il-Qorti tħoss li hu prudenti li ma tippronunzjax ruħha fuq liema hija l-proċedura korretta għal istanza bħal dik tal-lum. Fl-istess ħin, għall-finijiet ta' din il-kawża, darba li ġew segwiti żewġ proċeduri, din il-Qorti, li għandha tagħżel waħda minnhom, sejra tagħżel il-proċedura taċ-ċitazzjoni bħala dik li ordinarjament hi segwita meta tiġi adita din il-Qorti għall-protezzjoni ta' xi dritt soġġettiv;

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti tirrileva, għall-korrettezza tal-ħaġa, illi r-"rulings" li semma l-attur fid-dikjarazzjoni tiegħu, bħala li saru minn li Speaker tal-Assemblea Leġislattiva fis-26 ta' April 1955, fl-20 ta' Ottubru 1955, u fl-4 ta' Novembru 1957, biex isostni illi, kif hu qal fl-istess dikjarazzjoni, "mhux legalment korrett li l-insult lill-membru tal-Assemblea li jsir per mezz tal-istampa jaqa' taħt id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza XX tal-1942, u għalhekk jikkostitwixxi privileġġ, jew aħjar ksur ta' privileġġ". ħlief dak imsemmi l-aħħar, ma ddefinewx il-kwistjoni jekk insult lil membru tal-Assemblea Leġislattiva "on account of his conduct in the Assembly" taħt is-subinċiż (e) tal-art. 11 tal-Ordinanza XX tal-

1942 jinkludi anki insult magħmul per mezz tal-istampa. Infatti, il-każ tas-26 ta' April 1955 kien jirrigwarda l-ipotesi taħt is-subinċiż (g) ta' dik l-Ordinanza, li tirriferixxi għal "an officer of the Assembly", u mhux membru tal-Assemblea kif hemm fis-subinċiż (e); u l-każ l-ieħor tal-20 ta' Ottubru 1955 (recte 20 ta' Settembru 1955) kien jirrigwarda l-kwistjoni jekk dik l-Ordinanza tkoprix il-każ ta' rendikont f'ġurnal ta' dibattitu parlamentari li ma jkunx "a fair and faithful account" ta' dak li jkun sar fil-Kamra— kwistjoni din diversa minn dik ta' insult lill-membri tal-Assemblea;

Il-Qorti terġa tgħid illi dan qiegħed jiġi rilevat semplicement għal skop ta' preċiżazzjoni dwar ir-riferenzi li saru mill-attur;

Ikkunsidrat;

Sal-lum, il-privileġġi tal-Assemblea Leġislattiva u l-poteri tagħha f'dan ir-rigward, huma stabbiliti bl-Ordinanza XX tal-1942 kif emendata bl-Ordinanza XXV tal-1962, li għaliha rriferew tant l-attur fiċ-ċitazzjoni kemm il-konvenut fl-eċċezzjonijiet:

L-attur ippremetta fiċ-ċitazzjoni illi permezz ta' "ruling" mogħti fis-26 ta' Ottubru 1962 fl-Assemblea Leġislattiva l-konvenut, bħala Speaker, iddeċieda illi "prima facie" hemm ksur ta' privileġġ tal-Kamra skond l-inċiż (e) tal-art. 11 tal-Ordinanza XX tal-1942, bil-publikazzjoni ta' paragrafu fil-paġina 5 tal-ġurnal "Il-Ħelsien" tal-20 ta' Ottubru 1962, li tiegħu l-attur hu l-editur. Fid-dikjarazzjoni annessa maċ-ċitazzjoni mbgħad, l-attur speċifika illi fl-artikolu riferit, imsemmi "Pezzi Scelti", taħt il-firma "Mattew Callus", inkiteb hekk:— "Dawn huma r-raġunijiet li ssemmew il-għala vvutaw kontra seħibhom l-ieħor ta' taħt l-umbrella; iżda r-raġuni serja hija li min kien ġabarhom taħtu hu kontra l-indipendenza għax jibża' li bl-indipendenza jitlef xi ftit mill-privileġġi antikwati li għandu. Pellegrini, Mabel u Dr. Herbert ivvutaw kontra Borg Olivier u 'per ordine superiore' ";

L-attur ippremetta wkoll li kontra dan ir-"ruling" saret mozzjoni li qegħdha tiġi diskussa fl-Assemblea, fis-

sens li l-Kamra tikkunsidra l-publikazzjoni tal-istess paragrafu bħala "breach of privilege"; u kompla jgħid l-attur illi, jekk din il-mozzjoni tiġi approvata, huwa jista' jiġi mressaq quddiem il-Kamra u kundannat għal piena. Wara dan, l-attur allega illi l-insult li jsir lill-membru tal-Assemblea ma jaqa' taħt ebda dispożizzjoni tal-Ordinanza fuq imsemmija, u illi b'dan il-mod hemm periklu serju li jiġi miksur "id-dritt li l-esponenti għandu skond is-subart. (4) tal-art. 12 tal-"Malta (Constitution) Order-in-Council, 1961," li ma jinstabx ħati ta' reat meta l-att jew in-nuqqas fiż-żmien li jsir ma jikkostitwixxix reat". L-attur, mbgħad, talab li din il-Qorti tiddikjara illi insult lil membru tal-Assemblea per mezz tal-istampa mhux kontemplat minn dik l-Ordinanza, u li għalhekk ma jikkostitwix ksur ta' privileġġ; u anki talab li din il-Qorti tagħti l-ordnijiet meħtieġa għall-każ;

*Għad-definizzjoni* tal-kwistjonijiet involuti fil-kawża, kif sollevati miż-żewġ partijiet il-Qorti ħasset il-bżonn li jkollha quddiemha x'ġara s'issa fl-Assemblea Leġislattiva fir-rigward tal-kawża. L-attur ta x-xhieda tiegħu, u qal illi fl-Assemblea, li tagħha, kif inhu paċifiku, il-konvenut hu Speaker, ingħata mill-konvenut ir-"ruling" a fol. 5 tal-proċess, fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 1962, fis-sens illi:— "Wara li l-Onorevoli Sur Pellegrini fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 1962 attira l-attenzjoni tas-Sedja għall-eventwali ksur ta' privileġġ b'dak l-artikolu, indikat mill-istess Onorevoli Sur Pellegrini, is-Sedja kkunsidrat bir-reqqa neċessarja, u anki ħadet konsult legali, u tiddeċidi illi "prima faċie" hemm ksur ta' privileġġ; u dan skond l-Ordinanza XX tal-1942 kif emendata bl-Ordinanza XXV tal-1962;

Kompla jixhed l-attur illi wara dan ir-"ruling" dehret fuq l-aġenda ta' seduta sussegwenti l-kwistjoni ta' ksur ta' privileġġ tal-Kamra, u l-Onor. A. Pellegrini ppropona mozzjoni li l-paragrafu fuq imsemmi tal-artikolu tal-"Helsien" jiġi ritenut mill-Kamra bħala "breach of privileġe". Fl-istess seduta beda d-dibattitu fuq din il-mozzjoni, u dan għadu sejjer. L-attur xehed ukoll illi hu l-editur tal-"Helsien", u li ħadd ma ġie s'issa mputat quddiem il-Kamra bi ksur ta' privileġġ;

Il-Qorti, għall-finijiet fuq rilevati tqies ix-xhieda tal-attur, li ma ġietx kontraddetta, bħala l-aħjar prova li fiċ-ċirkustanzi l-attur seta' jġib fil-kawża. L-istess kawża qegħdha tiġi trattata b'urġenza, u għall-produzzjoni ta' dokumenti mill-uffiċċju tal-Assemblea tkun meħtieġa l-awtorizzazzjoni tal-Kamra. Il-Kamra ma terġax tiltaqa' qabel is-16 ta' dan ix-xahar; u għalhekk ix-xhieda tal-attur għandha titqies bħala l-aħjar prova għall-finijiet tal-kawża fin-natura tagħha;

Ikkunsidrat;

Bl-Ordinanza riferita ġew mogħtija lill-Assemblea Leġislattiva l-privileġġi fiha msemmija, u ġie mogħti lill-istess Assemblea, bl-istess Ordinanza, il-poter li hija tippunixxi b'riprensjoni, jew b'ħabs għal mhux aktar minn sittin ġurnata, jew b'"fine" sa £100, jew anki b'ħabs ukoll, lil kull min, membru tagħha jew le, jikkommetti xi ħaġa minn kif hemm elenkat fl-art. 11 tal-istess Ordinanza, inkluż dak li jingħad fis-subinċiż (e) fuq riferit;

B'dan il-mod, l-Assemblea fil-funzjoni tagħha ta' protettriċi tal-funzjonament tajjeb u tad-dinjità tagħha stess, kif salvagwardata b'dik il-liġi, għandha l-vesti ta' Qorti, bil-poter li tfittex hija jekk ġewx miksura l-privileġġi li hi tgawdi; u fil-każ li ssib li dan ikun ġara tgħaddi għas-sanzjoni li jidhrilha xierqa. Dan isib ċertu parallel fl-attribuzzjoni li għandhom dawn il-Qrati li jinvestigaw u eventwalment jippunixxu każi ta' disprezz lejn l-awtorità tagħhom;

F'din il-funzjoni tal-Kamra hemm, imħabba neċessità naturali, inkluż il-poter tal-istess Kamra illi tfittex hi, u tiddeċidi hi, jekk fil-każ konkret tkunx ġiet miksura l-liġi tal-privileġġ. Dan jinvolvi l-poter li tinterpreta l-Kamra stess il-liġi, i.e. l-imsemmija Ordinanza. Mhuwiex ġuridikament konċepibbli illi f'din il-funzjoni ta' riċerka u definizzjoni tal-kwistjoni l-Kamra tiġi ostakolata billi jsir aditu għal din il-Qorti fuq il-bażi tas-subart. (4) tal-art. 12 tal-Kostituzzjoni, invokat mill-attur. Dan ikun ifisser newtralizzazzjoni totali tal-poteri attribwiti lill-Assemblea mill-liġi stess;

L-attur ġieb, bħala wieħed mill-motivi għall-intervent ta' din il-Qorti, ir-"ruling" fuq imsemmi ta' li Speaker, meta dan iddeċieda li hemm "prima facie" ksur tal-privileġġ tal-Kamra;

Skond l-art. 197 ta' li Standing Orders tal-Assemblea, li ġew maħruġa mill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur taħt is-sezzjoni 64 tal-Kostituzzjoni, u li daħlu in vigore fis-16 ta' Marzu 1962:— "In all cases not provided for by these Standing Orders, resort shall be had to the rules, forms, usages, and practice of the Commons' House of Parliament of the United Kingdom, which shall be followed as far as they can be applied to the proceedings of the House with due regard to the special nature of the Malta Constitution";

Skond Erskine May (16th edition, p. 382):— "As a motion taken at the time for matters of privilege is thereby given precedence over the pre-arranged programme of public business, the Speaker requires to be satisfied both that there is a "prima facie" case that a breach of privilege has been committed, and also that the matter is being raised at the earliest opportunity. If he is not satisfied when the circumstances are first brought to his attention privately, he may inform the member that he is not entitled to raise the matter as a question of privilege, or he may allow him to make a statement with a view to ascertaining whether or not a "prima facie" case can be made out. This latter course is also taken when for some reason a preliminary explanation has not been given to the Speaker . . . . ";

May ikompli jgħid:— "It has often been laid down that the Speaker's function in ruling on a breach of privilege is limited to deciding the formal question whether the case conforms with the cond tions which alone entitle it to take precedence on the notices of motions and orders of the day standing in the order paper of public business, and does not extend to deciding the question of substance whether a breach of privilege has in fact been committed — a question which can only be decided by the House itself. (a) The conditions with which a claim of privilege must comply in

order to be accorded precedence are those mentioned above (1) a 'prima facie' case of breach of privilege must be made out, (2) the matter must be raised at the earliest opportunity";

Taħt ir-rikjam (a) May jirriferixxi għall-House of Commons Debates (1917), 93 c. 1963, u għall-H.C. Deb. (1954-55) 538 c. 1610;

Fil-każ tal-1917, li Speaker, għat-talba ta' membru biex iqajjem kwistjoni ta' "breach of privilege", qal hekk:— "I cannot give the hon. member that permission. He has made out no 'prima facie' case whatever in regard to privilege. Of course, it is for the House to decide whether a breach of privilege has been committed or not, but it is for me to decide whether any hon. member has made out a 'prima facie' case which he can bring before the House. The hon. member has not made out such a case";

Fil-każ l-ieħor riferit minn May, li Speaker qal:— "Therefore, I cannot rule that in all the circumstances of this case I should be entitled to find that there was a 'prime facie' case raised at the earliest possible moment which justified me in giving this matter priority over the Orders of the Day. That does not prevent the House, which is the final judge of its own privileges, from considering the matter; and if the hon. member for Maldon puts down a motion to that effect for the consideration of the House, that procedure is open to him";

Ikkunsidrat;

Il-pożizzjoni, għalhekk, hija illi r-"ruling" mogħti mill-konvenut mhuwiex ħlief il-presuppost biex il-kwistjoni tal-privileġġ tiġi diskussa mill-Kamra, u d-diskussjoni fil-każ preżenti quddiem il-Kamra għadha sejra. B'ebda mod definittiv dak ir-"ruling" ma jorbot lill-Kamra fis-sens li fil-fatt hemm "breach of privilege" Il-Kamra mhix limitata fil-kwistjonijiet li tista' teżamina dwar il-mozzjoni fuq imsemmija. Fost dawn il-kwistjonijiet jista' ikun hemm dik progettata mill-attur quddiem il-Qorti, jekk ċjoè l-Ordinanza tal-Privileġġi tolqotx il-każ konkret tal-allegat "insult" jekk magħmul per mezz tal-istampa;

Fl-espletament ta' din il-funzjoni tal-Kamra, din il-Qorti ma tistgħax tindaħal;

Il-Qorti ma għandhiex, għalhekk, għalfejn teżamina l-eċċezzjonijiet kollha mogħtija mill-konvenut;

Għal dawn il-motivi;

T.ddikjara illi ma hemmx lok għal provvediment ulterjuri fuq ir-rikors imressaq quddiem din il-Qorti kontemporaneament maċ-ċitazzjoni;

U tiċħad it-talba tal-attur; bl-ispejjeż kontra tiegħu.